Minuti tal-Laqgħa Nru. 36 tas-Seba' Kunsill Lokali ta' Ħal Luqa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv, 173, Triq il-Ġdida, Luqa, nhar il-Ġimgħa 11 ta' Mejju 2018 fil-5.30 p.m.

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | il-Membri |
| Sindku | Is-Sur. John Schembri |
| Il-Kunsilliera | Is-Sra. Denise Cutajar |
| | Is-Sinjura Elaine Camilleri Schembri<br>Is-Sur. Victor Caruana<br>Is-Sur Eric Camilleri<br>Is-Sur. Kearon Bruno<br>Is-Sinjura. Lucia Massa |
| Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur. Michael Portelli |

---

## AĠENDA

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Punti Mqajjma mill-Minuti
3. Korrispondenza
4. Jum Ħal Luqa
5. Inawgurazzjoni tal-Lattrina
6. Approvazzjoni tal-Ħlasijiet
7. Aġġornament

Kunsill Lokali – LUQA – Local Council
173, Triq il-Ġdida
Luqa

## 1.0 QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1 Ma kienx hemm korrezzjonijiet. Il-minuti ġew ipproponuti mill-Kunsilliera Lucia Massa u ssekondati mill-Kunsillier Eric Camilleri.

## 2.0 PUNTI MQAJJMA MILL-MINUTI

2.1 Il-Kunsillier Victor Caruana reġa fakkar li kellha issir xi U Bar miżbugħa fejn l-Ispiżjara.

2.2 Il-Kunsillier Victor Caruana saqsa kif konna bqajna fuq il-bibien u l-aperturi tal-Uffiċċju li kellhom jinbarxu u jinżebgħu mill-ġdid. Is-Segretarju qal li huwa se jkellem lill-dak li kellu jagħmel ix-xogħol fuqhom.

## 3.0 KORRISPONDENZA

3.1 Il-Kunsillier Caruana semma li kien hemm hairdresser ġdid li xtaq joħroġ xi pjanti fi Triq il-Papa Innoċenzju biex tkun tista issebbaħ l-Isqaq mal-madwar.

3.2 Il-Kunsillier Caruana semma li l-Ispiżjara ta Triq Dun Pawl kienet se tinstalla vending machine li tbiegħ xi mediċinali żgħar. Is-Sindku qal li din hija idea tajba imma l-aħjar jekk iġġib il-permessi meħtieġa biex ma jkunx hemm problemi.

3.3 Il-Kunsillier Caruana semma li jeħtieġ li jsir traffic management minn Triq il-Ġdida għall Triq Dun Pawl. Is-Sindku semma li hemm numru t' affarijiet u rikjesti miftuħa quddiem Transport Malta u għalhekk jaqbel li nagħmlu laqgħa u nitkellmu magħhom wiċċ imb wiċċ.

3.4 Il-Kunsillier Caruana semma li qed ikun hemm karozzi ipparkjati fejn hemm Agius Woodworks qed jkunu ipparkjati l-karozzi biex jinbiegħu. Is-Sindku qal li fuq dan il-każ irridu inkellmu lill-Pulizija.

3.5 Il-Kunsillier Caruana semma li hemm karozzi li qed jipparkjaw fi Triq il-Karmnu li qed ikunu ta' periklu għall dawk li jkunu għaddejjin minn hawn. Huwa qal li rridu nagħmlu xi ħaġa biex dawn ma jipparkjawx aktar hawn.

3.6 Is-Segretarju ressaq email fuq il-laqgħa li kienet saret mal-Onor. Parnis fejn talab li jekk nixtiequ niltaqgħu miegħu personali kemm nistaqsu b' email. Is-Sindku semma li għandna bżonn inkunu nafu x' azzjoni qed tittieħed fuq is-suġġerimenti li ressaqna.

3.7 Is-Segretarju semma li se ssir konferenza fuq vjolenza domestika biex minn huwa interessat jattendi għaliha.

3.8 Is-Segretarju semma li kien hemm appell minn naħa tal-ALS Malta fuq attività li kienet ser issir biex jinġabru fondi għalihom.

3.9 Is-Segretarju semma li kienet ser issir Information session fuq is-sistema preżenti tal-EPPS intenzjonata għall Kunsilliera biex jattendu. Huwa saqsa minn kien hemm interessat biex jattendi u ħa nota.

3.10 Is-Segretarju semma li kienet ser issir ġimgħa tas-Servizz Pubbliku u hemm numru t' attivitajiet li nistgħu nattendu għalihom.

3.11 Is-Segretarju semma li issa kienet waslet biex tiġi s-Solar Cinema ġewwa Ħal Luqa kif kienu infurmawna. Is-Sindku qal biex nippreparaw tajjeb għaliha u naraw xi jkollhom bżonn.

3.12 Il-Kunsillier Camilleri saqsa jekk konniex irċevejna l-email li kienu bagħatu tal-futbol rigward is-Summer Camp. Is-Sindku semma li huwa diġà kellu laqgħa magħhom.

## 4.0 JUM ĦAL LUQA

4.1 Is-Sindku semma li għall okkażżjoni ta' Jum Ħal Luqa din kienet ser issir fid-19 ta' Mejju. Huwa qal lil Eric biex ikompli jagħti dettal fuq l-attivita li kienet ser issir.

4.2 Il-Kunsillier Camilleri qal li dakinhar l-attivitajiet ser jibdew b' korteo li jasal fejn il-Monument tal-Gwerra u hemm issir iċ-ċerimonja tal-għoti ta' Ġieħ Ħal Luqa. Wara issegwi billi jkun hemm attivitajiet fil-Pjazza ta' Ħal Luqa. Se jkun hemm għana, esebizzjonijiet u affarijiet oħra tipiċi Maltin fosthom anki l-kummuttiva.

4.3 Is-Sindku saqsa x' kien se jkun hemm bħala snajja. Il-Kunsillier Camilleri qal li se jkun hemm il-lista li se tkun finalizzata l-ġimgħa d-dieħla.

4.4 Il-Kunsilliera Camilleri Schembri saqsiet jekk ir-residenti humiex infurmati fuq l-attivita. Is-Sindku qal li s-soltu nagħmlu ittra u nqasmuha lir-residenti.

4.5 Il-Kunsillier Caruana saqsa jekk hux se jkun hemm xi persuna bil-ħelu peress li kien hemm xi ħadd li jafu bil-ħelu. Il-Kunsillier Camilleri qallu li jekk irid jista jikkuntattjah sabiex jiġi.

## 5.0 INAWGURAZZJONI TAL-LATTRINA

5.1 Is-Sindku semma li din l-inawgurazzjoni kienet ser issir fil-15 ta' Mejju 2018 nhar, Jum Ħal Luqa. Huwa qal li dakinhar issir l-inawgurazzjoni filgħodu u filgħaxija peress li Jum Ħal Luqa ikollna l-Quddiesa u wara reċiviment ġewwa l-Kunsill Lokali.

## 6.0 APPROVAZZJONI TAL-ĦLASIJIET

6.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet fuq dan is-suġġett.

## 7.0 AĠĠORNAMENT

Il-laqgħa ġiet fi tmiemha il-Ġimgħa 11 ta' Mejju 2018 fis-6.40 p.m. Ma kienx hemm ġurnata proposta għall laqgħa li jmiss.

Konfermati llum ________________________2018.

_____________________ John Schembri Sindku

_____________________ Michael Portelli Segretarju Eżekuttiv